MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2007

Numru 299/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Jason Pisani**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jason Pisani** ta’ 32 sena, bin Alexander u Josephine Azzopardi mwieled Pieta’ fit-28 ta’ Frar, 1973, residenti 112, Flat 3, Triq San Guzepp, il-Belt Valletta. U detentur tal-karta tal-identita’ numru 150673M;

Talli fl-1 t’April, 2005, ghall-habta tal-4:30pm gewwa Tas-Sliema;

a) Uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti jew xort'ohra gab ruhu b'mod, bil-hsieb jew b'hekk iqajjem mbeghda razzjali jew b'hekk il-probabilita' li meta wiehd iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali u dan bi ksur tal-artikolu 82A tal-Kap 9 tal-lLigijiet ta' Malta;

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Musa Bugayoka mil-Liberia hekk kif iccertifika Dr. S. Camilleri M.D. u dan bi ksur tal-artikolu 22 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku doluzament bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jghamel xi att, jew taghkis jew hsara ta' Musa Bugayoka u dan bi ksur tal-artikoli 138 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bhala membru tal-Forzi Armati ta' Malta, ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta rejat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur tal-artikolu 338 (bb) tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjamnet il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Musa Bugayoka sabiex jingurja, idejjaq jew jghamillu hsara u dab bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Ligijiet ta' Malta;

h) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel lil Musa Bugayoka ingurji jew theddid jew hakk kien ipprovokat, ingurjah b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-asrtikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat, membru tal-Forzi Armati ta’ Malta, tressaq biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu wara li certu Musa Bugajoka, refugjat f’Malta, waqqaf lill-membri tal-ALE lli kienu ghaddejjin mix-xatt Tas-Sliema u allega maghhom illi zewg membri tal-forzi armati kienu hebbew ghalih. Dan qal li waqt li kien qed jistenna karozza tal-linja lejn il-Belt, l-imputat u Richard Vella marru hdejh, insulentawh bir-razza tieghu u l-imputat tah daqqa ta’ ponn f’wiccu u sofra qasma f’xoftu minn gewwa.

PC 433 xehed illi waqt li kien xoghol ghaddej minn Tas-Sliema, waqqfitu persuna barranija biex jghidlu li kien ghadu kemm qala daqqa ta’ ponn go xoftu. Fuq il-post kien hemm l-imputat li nnega kollox u ghalhekk tellghawhom it-tnejn l-ghassa peress li t-tnejn riedu jghamlu rapport fil-konfront ta’ xulxin.

Il-kwerelant xehed illi kien ilu Malta ghal erba snin, tnejn minnhom mizmum Hal Safi. Huwa qal li kien irraporta lill-imputat diversi drabi bhala suldat u meta ltaqghu mieghu tas-Sliema, l-imputat staqsieh jekk kienx qed jgharrfu u meta nnega tah daqqa ta’ ponn. Fil-pront gie ragel iehor u staqsieh jekk riedx jiggieled. Meta qallu li ma riedx glied, dan infurmah li kien suldat u kellu s-setgha inehhieh minn Malta. In kontro ezami, ix-xhud qal li fis-sentejn li kien mizmum Hal Far qatt ma kellux problemi mal-akkuzat jew suldati ohra, la qatt kellu argumenti u wisq anqas glied hlief ma hbieb tieghu u cioe’ tal-kwerelant, izda qal li kien imwissi biex jieqaf milli jirreferi ghall-imputat bhala “Ghawdxi tajjeb”.

Il-Kmandant tas-Servizz ta' Detenzjoni xehed illi kemm kien ilu detenut il-kwerelant qatt ma kellu ilmenti dwaru u qatt ma kellu problemi bih.

Il-Kaptan Cardona xehed illi bejn is-sena 2002 u 2004 kien inkarigat mid-Detention Centre ta' Hal Far. Dan gharaf lil kwerelant bhala persuna li dwaru ghamel rapport hu stess wara ilmenti li kien ircieva minghand suldati fuq incidenti differenti dwar indicenzi li x-xhud hass li kien ahjar ma jiddiskrevix minhabba l-morali pubblika. Hu qal ukoll li kien hemm kazijiet ohra fejn il-kwerelant ghamel akkuzi foloz fil-konfront ta' suldati u kien hemm okkazzjonijiet fejn rah hu stess ghaddej jidghi b'Alla u l-Madonna u kien wissieh hu stess sabiex ma jibqax joffendi l-fidi tal-Kattolici. Dan ix-xhud ipprezenta kopja ta' rapport ufficjali dwar il-kwerelant;

L-imputat ikkonferma dak kollu li hemm fl-istqarrija tieghu fejn hu kien innega dak kollu li allega l-kwerelant u kien spjega li dak in-nhar waqt li ghaddej fix-xatt Tas-Sliema ma' suldat kollega u l-kwerelant kein sejjahlu meta indirizzah "soldier" u staqsieh jekk kienx ser jghidu hemm ukoll bhalma kien jaghmel fil-compound u dan peress li l-ahhar incident mieghu kien jinvolvi suldat mara.

Captain Chris Attard xehed illi jiftakar sew lil kwerelant u informa lill-Qorti dwar il-precedenti tal-istess kwerelant sia dokumentati kif ukoll le. Hekk ukoll xehed Bumbardier Felix Grech, Gunner Mario Brincat xehed dwar incidenti li l-kwerlant kellu, l-offizi verbali tieghu u li jafu bhala dejjem bil-problemi;

Richard Vella, li ghal xi raguni, minkejja li kien imsemmi mill-prosekuzzjoni, ma ttellax bhala xhud taghha, xehed in difeza u qal li kien fil-kumpanija tal-imputat meta kien l-kwerelant u beda jargumenta mal-istess imputat. Dan kien arroganti u f'hin minnhom rawh jigri fid-direzzjoni ta' vettura tal-ALE, waqqafha u rawh jipponta subajh lejhom. Ix-xhud qal li l-imputat f'ebda hin ma mess lill-kwerelant

Ikkunsidrat:

Illi minn dan kollu migjub a konjizzjoni tal-Qorti, l-verzjoni tal-kwerelant ma tistax titwemmen.  Fl-ewwel lok dan ipingi stampa li hu bniedem ghaddej ghall-affari tieghu minn Tas-Sliema meta kien aggredit minn persuna li kienet suldat “off duty”, izda li kien jafu fil-barracks ta’ detenzjoni tal-barranin.  Dan il-kwerelant prova jikkonvinci lill-Qorti li qatt ma kellu inkwiet kemm ilu Malta izda irrizulta ben altru li dan il-persuna kien sors ta’ inkwiet kemm ilu detenut Hal Safi.  Ghalkemm dan m’ghandux jimpingi fuq l-ezitu ta’ dan il-kaz, il-Qorti ma tistax ma’ tirriflettix fuq il-fatt illi l-kwerelant qal li kemm ilu Malta qatt ma kellu problemi b’dan qed ikun mifhum illi hu ried ipingi lilu nniffsu bhala bniedem pacifiku biex jitwemmen minn din il-Qorti fl-allegazzjoni tieghu kontra l-imuptat.  Di piu’, l-kwerelant jghid illi qala daqqa ta’ ponn minghand l-imputat meta qatt ma wera feriti esterni in sostenn tal-istess. Minkejja dan, meta ttiehed ic-Centru tas-Sahha irrizulta li kellu qasma fuq il-gewwa ta’ xofftu.  U dan ukoll ilissen dubju dwar il-veracita’ tal-verzjoni tal-kwerelant, meta daqqa ta’ ponn minn persuna addestrata tista’ thalla feriti ferm akbar,  almenu vizibbli

Il-prosekuzzjoni kienet taf bl-esiztenza ta’ Richard Vella (ara xhieda tal-Ispettur Stephen Gatt fol 11), izda minkejja dan baqghet ma ressqitux bhala xhud taghha.  Dan ix-xhud kien indispensabli ghad-difiza u kellha tkun l-istess difiza li resqitu biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Il-Qorti hi tal-fehma li l-allegazzjoni tal-kwerelant hija kontradetta ghall-punt li ma tistax titwemmen u hi konvinta li mhux minnu dak li qed jallega l-istess kwerelant. Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------